**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta 22 ta' Settembru 2015**

**Rikors numru:- 56/2013JVC**

**Paul Portelli u martu Agnes Portelli**

**Vs**

**Emanuel Camilleri**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi li kkonfermaw:

1. Illi l-esponenti huma fil-pussess ta' raba li jinsab fl-inhawi tar-Ramla, limiti ta' Nadur, Ghawdex.

2. Illi dan ir-raba huwa accessibbli minn passagg li jikkonduci ghalih minn Triq ir-Ramla, li tigi iktar lejn it-tramuntana, u liema passagg jghaddi minn fuq proprjetà tal-intimat in parti u in parti minn fuq proprjetà ta' Francis Portelli;

3. Illi f'xi zmien wara d-dsatax (19) ta' Gunju tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-intimat qabad u ghalaq dan il-passagg billi hawwel xtieli tal-bittiegh, brungiel, fazola, u dulliegh, u beda jsaqqi dawn ix-xitel b'mod qawwi sabiex dawn jikbru malajr u jtelfu lill-esponenti milli jghaddi minn fuq il-passagg u jaccedi ghar-raba tieghu;

4. Illi dan l-agir jikkostitwixxi disturb fil-pussess tal-esponenti nkwantu jirrendi ferm iktar difficli l-access da parti tieghu ghar-raba tieghu;

Talbet li din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tar-rikorrenti billi ostakola l-passagg li minnu huwa jaccedi ghar-raba tieghu meta f'xi gurnata wara d-19 ta' Gunju 2013 il-konvenut hawwel jew zera' xtieli tal-bittiegh, brungiel, fazola, u dulliegh, u beda jsaqqi dawn ix-xitel b'mod qawwi sabiex dawn jikbru malajr u b'hekk irrenda l-access da parti tieghu ghar-raba tieghu iktar difficli;

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex fi żmien qasir u perentorju illi jigi prefiss, il-konvenut jirreintegra lill-attur fil-pussess pjen ta' hwejgu u dan billi jaqla' l-istess xitel u jħalli l-istess passagg għal-liberu access tal-attur;

3. Fin-nuqqas illi l-konvenut jezegwixxi x-xoghlijiet fiz-zmien koncess lilu, tawtorizza lir-rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xoghlijiet huma a spejjez tal-konvenut, okkorrendo taht id-direzzjoni ta' perit nominand.

Bl-ispejjez, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa huwa ngunt.

Bir-riserva ta' kwalunkwe azzjoni ohra spettanti lir-rikorrenti kontra tieghu.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li kkonferma:

1. ILLI t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza u kwindi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2. ILLI l-atturi jridu jippruvaw li ghandhom ir-rekwiziti essenzjali kollha ta' l-*actio spolii* u dan inter alia a tenur ta' l-artikoli 535 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u 791 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. ILLI fi kwalunkwe kaz il-konvenut ma kkommetta ebda spoll u lanqas ma hu l-legittimu kontradittur peress li huwa ma ghandu x'jaqsam xejn ma' din ir-raba u r-raba mhix tieghu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti, il-provi u x-xhieda kollha tal-kawza odjerna kif ukoll ai termini tal-verbal a fol. 37 tal-process datat 8 ta' Ottubru, 2014 rat l-atti kollha kelma b'kelma tal-kawza bin-numru 94/2013 bhala formanti parti ntegrali mill-provi f'din il-kawza;

Accediet fuq il-post nhar id-19 ta' Mejju, 2015;

Rat illi fil-verbal tal-istess gurnata l-partijiet qablu li l-kawza setghet tmur ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' lill-partijiet li jaghmlu noti ta' sottomissjonijiet;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat**

**Il-fatti:**

Illi l-atturi jsostnu li huma proprjetarji u fil-pussess ta' raba fl-inhawi tar-Ramla, limiti tan-Nadur, Ghawdex u dan mill-anqas lura sa mis-sena 1984 meta huma gew lura mis-safar. Qabel kienu wkoll midhla tal-ghalqa ghaliex kienet tinhadem minn missier l-attur u l-attur ghamel ukoll zmien jahdimha qabel siefer flimkien ma' martu l-attrici. Isostnu li peress li r-raba' m'ghandhiex access dirett ghat-triq huma minn dejjem ghaddew minn fuq raba' ta' terzi biex jaccedu ghar-raba' taghhom mit-triq pubblika u jghidu li lhom jaghmlu hekk ghal bosta snin. L-atturi jsostnu wkoll li fid-19 ta' Gunju, 2013 jew fil-jiem ta' wara l-konvenut Emanuel Camilleri ghalaq il-passagg li minn fuqu kienu jghaddu l-atturi billi hawwel xi xtieli fl-istess passagg u saqqa l-istess xtieli b'mod mghaggel b'dana li dawn kibru malajr u telfu l-passagg tal-esponent. Dan l-agir skont l-atturi gie ripetut fil-gimghat u x-xhur ta' wara. Dan huwa l-mertu tal-kawza ta' spoll odjerna.

Sussegwenti ghall-ftuh ta' din il-kawza l-atturi jsostnu li l-konvenut Eucharist Camilleri ostakola aktar il-passagg billi ghamel qannicc tal-qasab mal-qasma tal-ghalqa tieghu u wkoll tpoggew xi vireg/gebel fir-rampa li twassal ghall-passagg b'hekk l-atturi gew kompletament prekluzi milli juzaw il-passagg biex jaslu ghall-ghalqa taghhom. Dan huwa l-mertu tal-kawza ta' manutenzjoni bin-numru 94/2103 li ser tigi deciza wkoll llum.

Min-naha tieghu l-konvenut jsostni li l-ghalqa mhux tieghu izda ta' huh Eucharistico Camilleri (il-konvenut fil-kawza 94/2013) allura mhux il-legittimu kontradittur, illi jinkombi fuq l-atturi li jippruvaw l-kawza taghhom tissodisfa l-elementi kollha ta' kawza ta' spoll u li fi kwalunkwe kaz huwa ma kommetta l-ebda spoll.

**Bazi legali:**

Illi l-elementi fil-kawza ta' spoll jirrizultaw mill-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili li jaqra kif isegwi:

"Jekk persuna tigi, bil-vjolenza jew bil-mohbi, mnezzgha mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, hija tista', fi zmien xahrejn mill-ispoll titlob, b'azzjoni kontra l-awtur ta' spoll, li terga' tigi mqegħda f' dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jinghad fl-Artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili."

Illi skont l-artikolu 535 tal-Kap 16 l-azzjoni ta' spoll vjolenti ghandha bhala elementi kostituttivi taghha tliet fatturi: il-pussess ***(possedisse),*** l-att spoljattiv ***(spoliatum fuisse)*** u dan l-att sar fi zmien xahrejn qabel ma giet intavolata l-azzjoni ***(infra bimestre deduxisse).***

L-*actio spolii* hija radikata fuq l-esigenza ta' utilita' socjali, intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat milli jiehu l-gustizzja f'idejh, b'dan li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat. Din l-azzjoni ghandha l-iskop li tassigura li jigi ripristinat l-ordni socjali li l-persuna li tkun vjolentement spussessata tigi qabel xejn reintegrata fil-pussess taghha: *Spoliatur ante omnia restituendum*. L-artikolu tal-ligi li jikkontempla din l-azzjoni huwa ta' ordni pubbliku u huwa nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-

dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati.[1]

Illi huwa magħruf ukoll li f'kawzi simili, l-indagini tal-Qorti ghandha tkun limitata sew. Fil-kawza fl-ismijiet Delia vs Schembri (deciza mill-Prim' Awla fl- 4 ta' Frar 1958) gie ritenut illi:

*'L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x'ikun, li jigi vjolentement jew okkultament mehud minghand il-possessur jew detentur, u gie deciz kemm-il darba li tapplika wkoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali, u hija nerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jeżercitah minghajr intervent tal-Qorti.'*

Illi fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato". (Vol III Sez. 52).

Illi fil-kawza Margherita Fenech vs Pawla Zammit (deciza fit-12 ta' April 1958) jinghad illi:

*'L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi mpedut lic-cittadin privat li jieħu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini tagħha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.'*

Illi kif ukoll gie ritenut:

*'Kif kellha okkazzjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tghid illi għalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huma għal kollox irrilevanti u napplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku taghna'* (Cardona vs Tabone, Appel Civili, deciza fid-9 ta' Marzu 1992).

Konformament, gie ritenut ghar-rigward tal-element tal-pussess li:

*'All'attore in reintegrazione e' sufficiente per la sua azione un possesso qualunque o detenzione ..'*[2]

[1] *Ara Vol.XLII.II.973; Vol.LXXXII.II.79 u 500.*
[2] Ara *Camilleri v Agius P A.20/10/1882.*

Il-pussess li tirrikjedi l-ligi fl-ispoljat ghall-fini tal-azzjoni tar-reintegrazzjoni huwa kwalunkwe pussess 'materiale' u 'di fatto[3]':

Spoll vjolent u abbusiv:

*'jikkonsisti fi kwalunkwe att arbitrarju li mar proprio jmur kontra l-persuna spoljata'*[4]

u

*'neanche e permesso in queste cause di spoglio di investigare la natura del possesso presso lo spogliato, se esso lo sia animo dominii o no perche' la legge non richiede che un possesso materiale di fatto.'*[5]

Ghalhekk pussess kwalunkwe, anki purament materjali u *di fatto*, anki qasir hafna u sahansitra momentanju huwa sufficjenti, basta jkun univoku u ma jkunx bazat fuq mera tolleranza.[6]

Illi dwar it-terminu ta' xahrejn fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet Trevor Arends et vs. Veronica Mizzi deciza nhar il-11 ta' Jannar, 2013 dik il-Qorti ddikjarat kif isegwi:

*'dan it-terminu ta' xahrejn huwa element, li kif gie deciz kemm-il darba, ghandu jigi pruvat mill-attur. Ir-rekwizit li l-azzjoni ta' spoll ghandha ssir fi zmien xahrejn mill-allegat spoll huwa rekwizit essenzjali li johrog mill-artikolu tal-ligi stess u l-gudikant ghandu jkun sodisfatt li dan jissussisti indipendentement minn jekk jitqajjimx fl-eccezzjonijiet jew le.'*

Il-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Imh. N. Cuschieri) f'Alfred Paul Farrugia nomine v. Peter Paul Cutajar, (13.02.2004) irriteniet illi:

*"Dan huwa terminu ta' dekadenza estintiva tal-azzjoni ta' spoll fis-sens li jekk ma jigix provat li l-azzjoni saret fi zmien xahrejn mid-data tal-att spoljattiv allura l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma tistax treggi."*

Aktar specifikatament f'Georgina Borg v. Errol Cassar et (21.10.2002)

---

[3] *Ara Vol.XXXVII.I.280.*
[4] *Ara Vol.XLI.II.1133.*
[5] *Ara Vol.X-556;Vol.LXXXIII.II.76;Vol.XXXVII.I.28; Vol.XXXII.II.49.*

[6] *Ara Vol.XXXII.II.642; Vol.LXXXIII.II.79.*

il-Prim' Awla (Imh. Ph. Sciberras) dwar it-terminu ta' xahrejn f'azzjoni ta' spoll qalet hekk:

*'Huwa veru li dan il-punt ma giex formalment eccepit, kif normalment u guridikament wieħed kien jistenna in bazi għal dak provdut fl-Artikolu 728 tal-Kap 12. B'danakollu 'it-terminu ta' xahrejn li fih l-attur irid jiddeduci l-pretensjoni tieghu huwa element essenzjali ta' din l- azzjoni li jehtieg li jigi konkludentement pruvat mill-attur. Prova li trid issir f'kull kaz ta' din ix-xorta imma li ssir sine qua non meta l-parti konvenuta teccepixxi bhal dan il-kaz il-preskrizzjoni taghha bid-dekors tal-perjodu estentiv ta' xahrejn'.* (MichelAngelo Fenech nomine v. Alfred Camilleri, Prim' Awla, Qorti Civili, per Imh. Said Pullicino, 22 ta' Frar 1992).

**Provi**

**L-eccezzjoni tal-legittimu kontradittur:**

Il-konvenut isostni li hu ma ghandu x'jaqsam xejn ma' din ir-raba' u li r-raba' mhix tieghu u ghalhekk mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri. Jigi rilevat fl-ewwel lok li sabiex tirnexxi kawza ta' spoll mhux neccessarjament li min jikkometti l-ispoll ikun is-sid, f'dan il-kaz partikolari, tal-passagg li allegatament gie mblukkat. Sabiex il-konvenut jikkwalifika bhala l-legittimu kontradittur f'kawza ta' spoll huwa bizzejjed li jigi pruvat li kien il-konvenut li wettaq l-atti li permezz taghhom materjalment gew spoljati l-atturi.

Il-Qorti tinnota li mill-provi jirrizulta ampju li l-ghalqa in kwistjoni fejn hemm il-passagg li minn fuqu allegatament jghaddu l-atturi ghalkemm hija proprjeta' ta' hu l-konvenut u cioe' ta' Eucharistico Camilleri, il-konvenut Emanuel Camilleri ikun spiss hemm u anki jahdem l-ghalqa flimkien ma' huh. Dan anki ghaliex iz-zewg ahwa ghandhom in-negozju taghhom fil-vicinanzi u fi kliemhom huma midhla sew tal-post sa minn meta kienu zghar. L-istess konvenut isemmi li meta l-atturi ghaddew minn fuq ix-xtieli huwa kien prezenti fuq il-post mal-Pulizija (ara fol. 113 et seq) filwaqt li kien qed isir ir-rapport. Fil-fatt il-Qorti tinnota li ghall-persuna li qed issostni li ma ghandux x'jaqsam mal-ghalqa in kwistjoni, il-konvenut xehed ferm fid-dettal dwar x'hemm fuq il-post u dwar kif u minn fejn skont hu ghandhom jghaddu l-atturi, dettal li jmur ferm oltre li l-konvenut imur darba kultant forsi jiddobba xi kabocca kif xehed. Dan jimmilita

kontra t-tezi tal-konvenut li huwa ma ghandu x'jaqsam xejn mar-raba' in kwistjoni.

Illi apparti hekk, l-attur Paul Portelli a fol. 154 tal-process jixhed kif isegwi:

'Avukat:
Fejn taf li Emanuel ghamel il-kabocci?

Ix-xhud:
Ghax kont narah. U ghamel id-drip. Imbaghad kont kellimt lil Karistu, jien, u ghidtlu l-kabocci, huk, meta ha jaqlagha? Qalli ghaliex? Ghidtlu ghax irrid nghaddi. Qalli ssaporti tliet (3) gimghat ohra . . imbaghad jiena, kien qala' bicca minnha, kien hemm xi pajpijiet u kien wasal l-hin li rridu nidhlu hemm gew ghax-xoghol, u ahna ghaddejna, Imbaghad rema jghalaqli r-rampa u jaghmel il-qannicc biex ma nghaddix.'

Iben l-attur Stephen Portelli fl-affidavit tieghu a fol. 13 tal-process jixhed kif isegwi:

'Jien dejjem lil Emanuel Camillleri rajt jahdem ir-raba.'

Ix-xhud Mario Portelli a fol. 31 tal-process jixhed kif isegwi:

'Ix-xhud:
Dik hemm bicca ghalqa, kienet gmiem, dejjem gmiem nafha jien.

Avukat:
U llum fidejn min qeghda?

Ix-xhud:
Illum qeghdin jahdmuha ta' Camilleri.

Avukat:
Camilleri li huma l-konvenut?

Ix-xhud:
Ehe, ma nafx jahdumhiex kollha imma dik kien hemm area kbira gmiem.'

Iben l-atturi a fol. 146 tal-process jixhed illi huma hadu l-impressjoni li x-xtieli u l-affarijiet l-ohra kien qed jaghmilhom Emanuel Camilleri ghaliex huma lilu kienu jaraw go wahda mill-ghelieqi in kwistjoni.

Ghalhekk in vista tal-provi kollha suesposti, il-Qorti minghajr pregudizzju ghal dak li ser jinghad aktar 'il isfel dwar il-mertu tal-kawza ta' spoll odjerna, tqis li l-eccezzjoni tal-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri serviet biss sabiex ittawwal dawn il-proceduri, ma ghandhiex bazi legali u ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

**L-element tal-pussess jew detenzjoni da parti tal-atturi (*possedisse)*:**

Illi mill-atti l-Qorti tqis li hemm provi ampji li jevidenzjaw li l-atturi ghamlu numru ta' snin twal jghaddu mill-passagg in kwistjoni anki ghaliex ghal zmien twil l-ghalqa ma kinitx mahduma u kienu jaghmlu hekk sa dak iz-zmien li gew imhawla x-xtieli msemmija u anki wara. Dan huwa evidenzjat mhux biss mill-affidavits u xhieda tal-istess atturi izda wkoll minn xhieda mressqa mill-istess konvenut. Issir referenza ghax-xhieda b'mod partikolari ta' Francis Portelli a fol. 65 tal-process, ta' Mikiel Sacco a fol. 73 tal-process u ta' Carmelo Hili a fol. 83:

Francis Portelli xehed kif isegwi:

'Avukat:
Is-Sur Portelli, kif jghaddi kif jidhol ghar-raba tieghu?

Francis Portelli:
Issa ma nafx mnejn jghaddi jien issa . Qabel minn hemm kien jghaddi imma.

Avukat:
Qabel minn hemm, minn fejn?

Francis Portelli:
Minn hemm hekk, minn go tieghi.'

Mikiel Sacco xehed kif isegwi:

'Avukat:
Meta saret ir-rampa, minn meta saret ir-rampa lil hawn, Pawlu kien juza dik ir-rampa biex jidhol ghar-raba' tieghu?

Mikiel Sacco:
Iva kien juzaha imma go tan-nies hux.

Avukat:
Iva imma kien juzaha.

Mikiel Sacco:
Billi kien juzaha ghax ma kontx narah jien. U jien ma tajjarthiex ghax jien ma naghmilx ligijiet.'

Carmelo Hili jixhed kif isegwi:

'Avukat:
Inti fil-fatt m'ghamilt xejn biex izzommu milli jghaddi. Baqa jghaddi.

Carmelo Hili:
Xi tridni naghmel.

Avukat:
Iva. Taqbel mieghi li baqa jghaddi? Iva jew le.

Carmelo Hili:
Kif? Iva baqa' jghaddi. Mhux minn fuqi biss imma minn fuq haddiehor ukoll.'

Illi mill-assjem tal-provi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li ghal numru ta' snin l-atturi kienu jghaddu, apertament u minghajr habi mir-rampa in kwistjoni u jkomplu fuq il-passagg li parti minnu jigi fuq l-ghalqa ta' Eucharistico Camilleri u mahduma mill-konvenut u l-istess Eucharistico Camilleri sabiex jaccedu ghall-proprjeta' taghhom u kien biss wara li tpoggew il-gebel fir-rampa msemmija mix-xhud Carmelo Hili u l-qannicc tal-qasab imsemmija minn diversi xhieda, kif ukoll konfermati mill-istess Qorti waqt l-access, illi l-atturi gew impossibilitati milli jghaddu aktar minn fuq il-passagg in kwistjoni.

Il-Qorti rat ix-xhieda tal-konvenut u ta' huh Emanuel Camilleri u tiddikjara li ma tqisx il-verzjoni tal-konvenut u huh Emanuel Camilleri, fejn sostnew li qatt ma raw lill-atturi jghaddu mill-passagg jew li ma kienux jafu li l-atturi kienu jvantaw dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa mahduma minnhom, bhala wahda veritiera in vista li hija sahansitra kontradetta minn bosta xhieda mressqa mill-konvenut stess f'dawn il-proceduri. Il-fatt ukoll li bosta xhieda jikkonfermaw li ghal hafna zmien ir-raba ta' Eucharistico Camilleri, anki qabel xtraha, kienet gmiem ukoll jimmilita favur il-verzjoni tal-atturi u mhux dik ta' Camilleri (ara xhieda ta' Mario Portelli a fol. 27 et seq). Il-Qorti wkoll tqis li l-verzjoni moghtija minn hu l-attur Joseph Portelli (fol. 46 et seq) u li tressaq bhala xhud mill-konvenut hija certament imtappna b'animosita bejn ix-xhud u l-attur u dan anki mill-komportament tax-xhud u l-mod kif tkellem l-istess xhud u ghalhekk ma tqisx li tista' tistrieh fuq l-istess xhieda.

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Qorti hija sodisfatta li l-element tal-pussess, anki jekk ghall-fini ta' kawza ta' spoll anki mera detenzjoni kienet tkun bizzejjed, giet ampjament pruvata mill-atturi.

**L-element taz-zmien:**

Illi l-element taz-zmien u cioe' li l-kawza kellha tigi prezentata fi zmien xahrejn minn meta sehh l-att spoljattiv fil-fehma ta' din il-Qorti huwa neboluz ghall-ahhar fil-provi. L-atturi fl-affidavits (ara fol. 12 u 13) jsostnu li x-xtieli gew imhawla fil-bidu tas-Sajf tas-sena 2013 filwaqt li fir-rikors guramentat tissemma' id-data tad-19 ta' Gunju, 2013 jew wara. Fl-istess hin l-attur Paul Portelli fil-kontro-ezami tieghu jsostni li huwa ntalab jaghti tliet gimghat cans sabiex jinqalghu x-xtieli qabel ma jghaddi izda mkien fix-xhieda ma jikkonferma meta dan sehh (fol 148 et seq). Kif inghad fil-gurisprudenza aktar 'il fuq jinkombi fuq l-atturi li huma jintavolaw il-kawza ta' spoll entro terminu ta' xahrejn mill-att spoljattiv u li din il-prova mihjiex xi wahda leggera. Il-Qorti fittxet fl-atti provi aktar fid-dettal li jevidenzjaw almenu d-data meta l-atturi setghu ndunaw li gew imhawla x-xtieli jew il-kabocci izda ma setghetx tasal ghall-gurnata. Min-naha tieghu l-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu jsostni li l-elementi tal-ispoll, fosthom l-element allura tal-*infra bimestre* ghandhom ikunu sodisfatti mill-atturi sabiex l-azzjoni taghhom tirnexxi. Din il-Qorti

anki in vista tal-gurisprudenza hawn fuq ikkwotata ma tqisx li bil-provi li tressqu quddiemha gie sodisfacjentement pruvat lilha li x-xtieli msemmija ma kienux hemm qabel id-19 ta' Gunju, 2013, data li kumbinazzjoni tigi ezatt xahrejn qabel giet intavolata l-kawza. Meta l-Qorti tikkunsidra li l-kawza nfethet fid-19 ta' Awissu, 2013 u l-atturi ma taw l-ebda raguni valida jew prova ghalfejn huma qed isostnu li x-xtieli thawlu fid-19 ta' Gunju, 2013 jew wara, din il-Qorti tqis li l-element tal-*infra bimestre deduxisse* ma giex sodisfacentement pruvat.

**L-element tal-ispoll vjolenti:**

Mill-provi fiz-zewg processi in ezami jirrizulta car li l-passagg li kienu juzaw l-atturi verament gie mhawwel bix-xtieli *ex admissis* minn hu l-konvenut Eucharistico Camilleri. Il-konvenut odjern ma jammettix li kien hu wkoll li hawwel dawn ix-xtieli izda l-Qorti ma tarax ghalfejn m'ghandhiex temmen il-verzjoni tal-attur li kkonferma bil-gurament li ra lil Emanuel Camilleri b'ghajnejh ihawwel ix-xtieli. Il-Qorti ma tqisx li kien jaghmel xi sens logiku li l-atturi jifthu l-kawza kontra Emanuel Camilleri li kieku ma kienux konvinti li Emanuel Camilleri kien prezenti fl-ghalqa meta gew imhawla x-xtieli. L-atturi jsostnu fil-kawza taghhom li dan kollu tellef il-passagg taghhom minn fuq l-ghalqa ta' hu l-konvenut ghall-ghalqa proprjeta' taghhom u ghalhekk gie kommess l-ispoll. Izda l-Qorti taghmel referenza ghax-xhieda tal-istess attur Paul Portelli fejn a fol. 155. tal-process fejn xehed kif isegwi:

'Imbaghad jiena, kien qala' bicca minnha, kien hemm xi pajpijiet u kien wasal il-hin li rridu nidhlu hemm gew ghax-xoghol, u ahna ghaddejna.'

Dan neccessarjament ifisser li l-prezenza tax-xtieli bl-ebda mod ma xekklet il-passagg tal-atturi ghaliex fil-fatt ghaddew. Dan huwa konfermat ukoll minn iben l-atturi fejn a fol. 13 tal-process jixhed kif isegwi:

'sabiex nghaddi jien kont kostrett li nghaddilu minn fuq l-ucuh, peress li hu halla kollox hemm.'

Ix-xhud Francis Portelli  a fol. 70 jikkonferma li dak li zamm lill-atturi milli jghaddu ma kienux ix-xtieli izda kien il-qannicc tal-qasab li sar wara li giet intavoalta l-kawza odjerna minn Eucharistico Camilleri.

Minn dak suespost, jirrizulta lil din il-Qorti li ghalkemm l-atturi jsostnu li l-fatt li gew mhawla x-xtieli xekkilhom mid-dritt ta' passagg taghhom fil-fatt dan mhux minnu.  Xtieli u mhux xtieli l-atturi xorta wahda baqghu jghaddu mill-passagg vantat minnhom u ghalhekk ma jistax jinghad li l-element tal-'*ispoliatum fuisse'* kien sodisfatt fil-mument li giet intavolata l-kawza odjerna.

**Decizjoni**

Ghar-ragunijiet suesposti, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza kif isegwi:

(1)  Tichad l-eccezzjoni tal-konvenut li mhux il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u ghal din ir-raguni l-konvenut ghandu jbati parti mill-ispejjez tal-kawza;

(2)  Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-konvenut u stante li ma jirrizultawx l-elementi neccessarji ghas-success ta' kawza ta' spoll u cioe' dak tal-'*ispoliatum fuisse'* u '*infra bimestre deduxisse*' fl-atti odjerni, tichad it-talbiet kollha attrici.

Bl-ispejjez ghandhom jigu sopportati bi tliet kwarti ghall-atturi u kwart ghall-konvenut.

(ft.)  Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.)  Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur